# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 10**

**Rikors numru 509/16/1 RGM**

**Nicola Cutajar u martu Carmen Cutajar**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u d-Direttur tal-Uffiċju Konġunt**

1. B'din is-sentenza il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tal-atturi ('appellanti') mis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Ottubru, 2021, li ċaħdet it-talbiet sabiex l-enfitewsi temporanja tal-fond numru 28 ġja 27A, 28 u 28A inklużi l-arja u sottoswol fi Triq Manwel Dimech Sliema, ssir enfitewsi perpetwa skont l-Artikolu 12(4) u (5) tal-Kap. 158.

2. Il-fatti rilevanti għall-każ in eżami ġew spjegat hekk mill-ewwel Qorti:

> *"B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Timothy Ellis ippubblikat fit-23 t'Awwissu 2010, l-atturi xtraw u akkwistaw ir-rimanenti perjodu tal-utile dominju temporanju fuq il-fond 28 (ġja 27A, 28 u 28A), Triq Manwel Dimech, tas-Sliema. Il-konċessjoni enfitewtika temporanja ġiet fi tmiema fil-31 ta' Diċembru 2015. Id-direttarju huwa l-Kummissarju tal-Artijiet (illum Awtorita' tal-Artijiet) u d-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt. Fis-sena 2012, l-atturi applikaw mad-direttarju sabiex jiġi mifdi ċ-ens. Fl-20 ta' Diċembru 2013, id-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt bagħat ittra jitlob kopja tal-kontijiet tad-dwal u ilma, liema kontijiet kellhom ikunu actual u mhux estimate għas-snin 2012 u 2013. Permezz t'ittra datata 14 ta' Jannar 2014, is-sinjur Cutajar bagħat kopja tal-kontijiet li kienu fil-pussess tiegħu għas-sena 2013 biss, liema kontijiet jidher mill-atti li ma kinux dawk attwali iżda juru biss stima. Fl-24 ta' Mejju 2016 l-atturi interpellaw lill-konvenut permezz ta' ittra uffiċjali sabiex ai termini tal-Artikolu 12(4) u (5) tal-Kapitolu 158 (Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll ta' Djar), l-enfitewsi temporanja tiġi konvertita f'waħda perpetwa"*.

3. L-appellanti fetħu l-kawża permezz ta' rikors maħluf li ppreżentaw fis-27 ta' Ġunju, 2018, u talbu:

> *"1. biex tikkundanna lill-intimat jikkonverti f'enfitewsi perpetwa l-enfitewsi temporanja tal-fond numru 28 gja 27A, 28, u 28A inkluzi l-arja u sottoswol fi triq Manwel Dimech, Sliema debitament murija fuq l-annessa 'siteplan' hawn ezibita u mmarkata Dok A b'dak ic-cens pagabbili u rivedut skond l-istess ligi ghat-tenur u in konformita` mal-ligi u in partikolari l-artikolu 12(4) (5) tal-Kapitolu 158 u dan stante u prevja d-dikjarazzjoni, jekk mehtieg, li f'gheluq l-enfitewsi temporanja l-fond fuq imsemmi kien okkupat minn Maltin bhala r-residenza ordinarja taghhom;*
>
> *Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-2 ta' Mejju, 2016 u b' ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni"*

4. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-22 ta' Settembru, 2016, il-konvenuti ('appellati') wieġbu illi:

*"1. Illi l-fatti kif esposti fir-rikors guramentat imressaq mir-rikorrenti jirrizultaw li mhumiex kontradetti.*

*2. Illi bhala fatt jirrizulta li r-rikorrenti huma detenturi tal-fond bin-numru 28. Gia 27A, 28 u 28A. Triq Manual Dimech, tas-Sliema, liema fond(i) kienu suggetti ghal cens annwu u temporanju li skada fil-31 ta' Dicembru, 2015, u li taghhom il-gvern ta' Malta kif rapprezentat mill-intimati l-Kummissarju tal-Artijiet u d-Direttur tal-Ufficcju Kongunt huwa d-direttarju.*

*3. Illi huwa minnu li r-rikorrenti interpellaw lill-intimat Direttur tal-Ufficcju Kongunt, anki permezz ta' ittra ufficjali, sabiex jaddivjeni ghall-konverzjoni tal-koncessjoni enfitewtika temporanja ghal wahda perpetwa ai termini tal-Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li huma qeghdin jghidu li huma jiddetjenu l-fondi in kwistjoni bhala r-residenza ordinarja taghhom, u kwindi jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti fil-ligi ghal tali konverzjoni.*

*4. Illi madanakollu, id-Direttur tal-Ufficcju Kongunt jitlob prova li tmur li hinn minn semplici dikjarazzjoni da parti tal-applikant il-fond qieghed jintuza bhala residenza ordinarja minn cittadin Malti, qabel jaccetta li cens temporanju jigi kkonvertit f'wiehed perpetwu, u fid-diversi skambji ta' korrispondenza li kien hemm mal-partijiet, intalbu ghal diversi drabi, kopji ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma mahruga mill-ARMS li jkunu kontijiet attwali u mhux stimi, flimkien ma' affidavit minghand il-partijiet li fiha jiddikjaraw bil-gurament li tali fond(i) qieghed jew qeghdin jintuzaw bhala r-residenza ordinarja taghhom, u kwindi li dawn il-fondi qatt ma ntuzaw ghal skopijiet kummercjali jew huma suggetti ghal xi kirja.*

*5. Illi inoltre l-intimati, bhala salvgwardja addizzjonali li fond ikun qieghed jintuza ghal skopijiet residenzjali, jibaghtu ufficjali teknici sabiex jiehdu r-ritratti u jaghmlu site inspection b'rapport dettaljat tas-sejbiet taghhom, u dan wara li jigi stabbilit prima facie li fond ikun qieghed jintuza ghal skopijiet ta' residenza mid-dikjarazzjonijiet li jibghat l-applikanti u mill-kontijiet li jintbaghtu.*

*6. Illi f'dan il-kaz, u minkejja li debitament interpellati diversi drabi, r-rikorrenti dejjem naqsu milli jibghatu kopja ta' kont attwali mahrug mill-ARMS u l-kontijiet li ntbaghtu fid-Dipartiment tal-Artijiet u fl-Ufficcju Kongunt kienu dejjem Estimates. Minkejja li l-attenzjoni tar-rikorrenti ghal dan ingibdet diversi drabi, huma xorta wahda baqghu inadempjenti, u baqghu ripetutament jinsistu li jipprezentaw kontijiet li huma Stimi u mhux kontijiet Attwali.*

*7. Illi r-rikorrenti naqsu wkoll milli jipprezentaw affidavit fejn jiddikjaraw bil-gurament li dan il-fond(i) qieghed jintuza minnhom bhala residenza ordinarja taghhom, u li dan qatt ma ntuza ghal xi skop kummercjali.*

*8. Illi fin-nuqqas tar-rikorrenti li jottemperaw ruhhom ma' dak mitlub minnhom mill-intimati, l-applikazjoni taghhom ghal-konverzjoni tac-cens ma setghetx tigi pprocessata stante li d-direttarju m'ghandux f'idejh il-provi essenzjali sabiex jistabbilixxi li dan il-fond qieghed jintuza bhala residenza ordinarja minnhom.*

*9. Illi inoltre l-intimati m'ghandhom l-ebda problema li hekk kif dawn ire-rekwiziti jintbaghtu fid-Dipartiment tal-Artijiet jew ossia fl-Ufficcju Kongunt, ikun jista' jitkompla l-process ghall-konverzjoni tac-cens minn wiehed temporanju ghal wiehed perpetwu kif tistabbilixxi l-ligi".*

5. B'sentenza tat-28 ta' Ottubru, 2021, l-ewwel Qorti ddeċidiet:

*"1. Tiddikjara illi fil-mument tal-għeluq tal-konċessjoni emfitewtika temporanja de quo l-atturi ma kellhomx ir-residenza ordinarja tagħhom fil-fond 28, Triq Manwel Dimech, Sliema.*

*2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.*

*3. Tiċħad it-talbiet attriċi.*

*Bl-ispejjeż kontra l-atturi."*

6. L-appellanti appellaw mis-sentenza u talbu lil din il-Qorti:

*"tħassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet premessi tal-28 ta' Ottubru 2021 u minflok tgħaddi biex tilqa' it-talbiet magħmula mill-esponenti kif dedotti fir-rikors tagħhom tal-27 ta' Ġunju 2016, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati."*

7. L-appellati wieġbu li s-sentenza hi ġusta u għandha tiġi konfermata.

<u>Konsiderazzjonijiet</u>

8. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-appellanti jilmentaw illi l-proċedura nterna /kriterji amministrattivi stabbiliti mill-appellati sabiex ċens temporanju jinbidel f' wieħed perpetwu huma rrilevanti u m'għandhomx

jiġu konfużi mal-mekkaniżmu tal-Kap.158. Isostnu li l-provi li ġew ippruvati '*lil hinn minn kull dubbju raġonevoli bi proċedura kriminali'*, jissodisfaw il-kriterji kollha stipulati fil-liġi.

9. Għal dak li jirrigwarda l-ewwel parti ta' dan l-ilment, fil-bidu tas-sentenza appellata jingħad:

> *"L-atturi qegħdin jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq il-protezzjoni konċessa taħt l-Ordinanza tal-1959 kif emendata in forza ta' dak li hu provdut fis-sub-artikolu (4) tal-Artikolu 12 tal-Att XXIII tal-1979, li jgħid hekk*
>
> > *"Meta tagħlaq enfitewsi temporanja ta' dar ta' abitazzjoni okkupata minn ċittadin ta' Malta bħala r-residenza ordinarja tiegħu fi żmien dak l-egħluq, li ma tkunx enfitewsi msemmija fis-subartikolu (2)(a) jew (b), l-enfitewta jkollu l-jedd jikkonverti l-enfitewsi f'waħda perpetwa ...*
>
> *Għaldaqstant in vista ta' dan l-artikolu meta jagħlaq ċens temporanju bħal dak de quo, it-titolu jista' jinqaleb għal wieħed ta' enfitewsi perpetwa, basta:*
>
> *1. l-enfitewsi tkun ta' dar ta' abitazzjoni; u*
>
> *2. fiż-żmien meta għalaq iċ-ċens id-dar tkun okkupata minn ċittadin ta' Malta; u*
>
> *3. dik id-dar fl-egħluq tal-konċessjoni kienet tintuża bħala r-residenza ordinarja tiegħu.*
>
> *Dawn huma rekwiżiti kumulattivi u mhux alternattivi u għaldaqstant kull rekwiżit jeħtieġ li jiġi sodisfatt sabiex il-konċessjoni enfitewtika temporanja tiġi konvertita f'waħda perpetwa."*

10. L-ewwel Qorti kompliet tgħid hekk:

> *"M'huwiex ikkontestat mill-konvenuti li l-enfitewsi temporanja kienet fuq dar t'abitazzjoni u lanqas m'huwa kontestat li fiż-żmien meta għalqet il-konċessjoni l-atturi kienu ċittadini Maltin.*
>
> *Il-kontestazzjoni pero' hija fir-rigward tat-tielet rekwiżit su-indikat u ċioe li skond il-konvenuti l-atturi ma kienux qegħdin jużaw il-fond 28, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema bħala r-residenza ordinarja tagħhom.*

> ...
>
> *Il-Qrati nostrani diġà kellhom l-opportunità jikkunsidraw x'jikkostitwixxi 'residenza ordinarja'.*
>
> *Fost dawn insibu d-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fil-5 ta' Mejju 2005 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fid-29 ta' Frar 2008 fl-ismijiet* ***Victor Montebello et vs. Alfred Grima et*** *(App Ċiv 487/2002). L-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha irriteniet li*
>
>> *"Il-Kap. 158 ma jipprovdi l-ebda tifsira tal-kelma "residenza ordinarja" u allura dawn b'necessita` kellhom ikunu interpretati skond ic-cirkustanzi tal-kaz partikolari, purche` dejjem fl-ambitu tal-ligi ...*
>>
>> *...*
>>
>> *Biex wiehed jista' jistabilixxi jekk persuna jkollhiex ir-residenza ordinarja taghha f'post partikolari huma relevanti c-cirkostanzi kollha tal-kaz illi jistghu jindikaw jekk il-membru tal-familja kienx qieghed jaghmel uzu mill-fond in kwistjoni ghal dawk l-iskopijiet li wiehed jifhem b'residenza ordinarja.*
>>
>> *Dawn jinkludu l-irqad u mistrieh regolari fil-fond in kwistjoni; l-fatt li fil-fond in kwistjoni jinzammu l-oggetti personali u l-hwejjeg ta' min jippretendi li ghandu residenza; il-fatt illi f'din ir-residenza huwa jghaddi z-zmien liberu tieghu fejn hu jipprattika d-delizzji tieghu u jaghmel ix-xoghol personali tieghu. Tindika wkoll il-kelma 'residenza', l-fond fejn wiehed jippranza u jiccena, fejn wiehed jircievi l-korrispondenza u anke fejn jircievi l-hbieb, u fejn il-hbieb u terzi jistennew li jsibu lil min hu hemm residenti."'*

11. Hu fatt li l-kwistjoni kollha kienet dwar jekk l-appellanti kinux residenti fil-fond in kwistjoni meta għalaq iż-żmien. L-ewwel Qorti straħet fuq l-interpretazzjoni tal-kliem *'residenza ordinarja'* skont il-ġurisprudenza. M'hemmx dubju li l-ewwel Qorti ma bbażatx id-deċiżjoni fuq xi proċedura nterna tal-appellati.

12. Il-kumplament tal-ewwel aggravju u l-aggravji l-oħra huma kollha konnessi għaliex jikkritikaw l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti.

13. Sabiex tinżamm sekwenza loġika, il-Qorti l-ewwel ser tagħmel konsiderazzjonijiet dwar t-tieni aggravju filwaqt li l-kumplament tal-ewwel aggravju jitqies iktar 'l quddiem f'din is-sentenza.

14. L-appellanti jsostnu li ressqu biżżejjed provi li l-fond in kwistjoni verament jintuża bħala r-residenza ordinarja meta għalaq iċ-ċens fil-31 ta' Diċembru 2015. Dawn huma: (i) dak li qalu bil-ġurament f'okkażżjonijiet differenti, u (ii) provi dokumentarji oħra, ossija kopja tal-karta tal-identita`, kopja tar-reġistru elettorali ta' April 2012, ittra mingħand l-ETC u l-ittra ta' rikonoxximent tal-appellanti bħala enfitewti. Dwar il-kwistjoni tal-kontijiet tad-dawl u ilma jtennu li l-*meter* relattiv kellu l-ħsara u kellu jinbidel fl-1 ta' Lulju, 2016;

15. Il-provi li ressqu l-appellanti huma:

15.1. Kuntratt tat-23 ta' Awwissu, 2010, fl-atti tan-Nutar Timothy Ellis[1], li bih l-appellanti xtraw l-*utile dominju temporanju* sal-31 ta' Diċembru, 2015, tal-fond bin-numru 28 (ġja 27A), 28 u 28A, inkluż l-arja u

[1] Fol. 16 *et seq*.

sottoswol, fi triq Manwel Dimech, Tas-Sliema. Fil-kuntratt ta' akkwist l-appellanti iddikjaraw li jgħixu fl-istess fond;

15.2. Affidavit tal-appellant[2] li fih iddikjara illi beda jgħix fil-fond in kwistjoni mid-data tal-akkwist u għadu jokkupa l-istess fond bħala residenza ordinarja tiegħu u jorqod u jgħix fih;

15.3. Kopji mir-reġistru elettorali ta' April 2015, Ottubru 2014, April 2014, Ottubru 2013, u April 2013, li juri li l-appellati kienu reġistrati f'dak il-fond;[3]

15.4. Kopja tal-karta tal-identita` taż-żewġ appellanti, t-tnejn validi mis-27 ta' Lulju, 2015, sas-27 ta' Lulju, 2025, fejn hemm stampat l-indirizz f'Tas-Sliema;[4]

15.5. Irċevuti u kontijiet tal-ARMS Ltd relattivi għall-fond f'Tas-Sliema (wieħed ibbażat fuq *consumer readings* u l-ieħor *actual)* tal-<u>2016</u> (għall-perjodi mis-17 ta' Frar, 2016, sad-9 ta' Awwissu, 2016, u mill-10 ta' Awwissu, 2016, sal-10 ta' Novembru, 2016) u dokumenti oħra fejn jidher il-bdil tal-*meter* tad-<u>dawl</u> f'Lulju tal-2016;[5]

---

[2] Fol. 36 *et seq*.
[3] Fol. 9 *et seq*.
[4] Fol. 32, 47 u 70.
[5] Fol. 38 *et seq*.

15.6. Dokument tal-ETC[6] f'isem l-appellant u fl-indirizz ta' Tas-Sliema datat 29 ta' Settembru, 2011;

15.7. Ittra mibgħuta mill-*Joint Office* lill-appellant fl-indirizz f'Tas-Sliema datata 21 ta' Frar, 2012, u li bih irrikonoxxa lill-appellanti bħala ko-enfitewti tal-fond in kwistjoni[7] u ħlasijiet taċ-ċens u *laudemium*;[8]

15.8. Kopja ta' avviż ta' permess ta' żvilupp ta' fond biswit il-fond tal-appellanti u sett ta' tliet ritratti[9].

16. Il-provi tal-appellanti huma ftit li xejn minkejja li jafu li l-kwistjoni kienet dwar jekk kinux qegħdin jirrisjedu fil-fond in kwistjoni.

17. L-irċevuti u kontijiet tal-ARMS Ltd li ġew ippreżentati huma kollha tal-2016, u ma jirreferux għaż-żmien meta għalqet l-enfitewsi temporanja. Kif osservat mill-ewwel Qorti dawn huma rrilevanti billi l-Artikolu 12(4) jagħmilha ċara li d-dar għandha tkun ir-residenza ordinarja meta tagħlaq l-enfitewsi temporanja u <u>mhux xi żmien wara</u>. L-appellanti ma ressqu l-ebda prova li tikkorrabora dak li qal l-appellant li l-*meters* kellhom jinbidlu għaliex bil-ħsara. Lanqas ma tressqet prova li tikkorraborah li għamel diversi rapporti.

---

[6] Fol. 48.
[7] Fol. 49.
[8] Fol. 51.
[9] Fol. 72 *et seq*.

18. Dwar ir-reġistru elettorali u karta tal-identita`, jkun fihom id-dettalji li l-persuna tagħti lill-awtoritajiet. L-istess jgħodd għad-dokument maħruġ mill-ETC. L-ittra tal-*Joint Office* min-naħa l-oħra tirreferi għall-fond f'Tas-Sliema u probabbilment intbagħtet hemm proprju għal dik ir-raġuni. F'kull każ, la dik l-ittra u lanqas d-*development notice* tal-MEPA ma huma prova li b'xi mod jistgħu jgħinu lill-appellanti.

19. Magħdud ma' dan, kif tajjeb osservat il-Qorti tal-ewwel istanza:

> *"Ġaladarba l-atturi b'dawn il-proċeduri qegħdin jinsistu li huma kienu jirrisjedu b'mod ordinarju fil-fond in kwistjoni kien jinkombi fuq l-atturi li jġibu l-aħjar prova sabiex jikkonvinċu lil din il-Qorti li t-tnejn li huma verament kienu jirrisjedu fil-fond ta' Tas-Sliema fil-mument li għalqet il-konċessjoni enfitewtika u mhux prova dwar x'seħħ wara li għalqet il-konċessjoni.*
>
> *...*
>
> *Din il-Qorti tqis ukoll li l-atturi, apparti li naqsu milli jġibu prova tal-kontijiet attwali tad-dawl u ilma għas-sena li ġiet fi tmiema l-konċessjoni, l-istess naqsu milli jġibu prova oħra bħal ma jistgħu jkunu abbonamenti għal servizzi bħal telefown jew televiżjoni, jew korrispondenza indirizzata lilhom fil-fond, biex issaħħu l-allegazzjoni tagħhom. Lanqas ma ressqu bħala xhieda qraba tagħhom jew persuni li jirrisjedu fil-viċinanzi tal-fond de quo sabiex isaħħu l-allegazzjoni tagħhom. Appena huwa neċessarju jingħad illi allegazzjoni mhux imsaħħa bl-aħjar prova tibqa' biss allegazzjoni li ma twassalx f'moħħ il-ġudikant dak il-konvinċiment meħtieġ sabiex l-allegazzjoni titqies li għandha mis-sewwa."*

20. Il-Qorti tabbraċċja l-istess ħsieb. Għaldaqstant, tiċħad it-tieni aggravju.

21. Fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellanti jilmentaw li l-provi tal-appellati ma jistgħux iservu sabiex jikkontradixxu l-provi li ressqu l-appellanti. Filwaqt li għamlu kritika għall-affidavit tal-Perit Duncan Mifsud, jilmentaw ukoll mill-fatt li permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Lulju, 2018, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ppermettiet, wara li kienu diġa' ingħalqu l-provi tal-appellati, sabiex jittieħdu passi kriminali kontra l-appellant u jiġi akkużat li għamel dikjarazzjoni falza.

22. Sabiex jirribattu l-pretensjoni tal-appellanti, l-appellati ressqu dawn il-provi:

22.1. Kopja tad-dokumenti li tawhom l-appellanti,[10] li jikkonsistu f'kontijiet għal *services charges* tad-dawl u tal-ilma tal-fond bejn l-2012 u l-2013 fejn hemm indikat '*Nru. Ta' residenti: 1'* u konsum '0' <u>kemm għal dak li hu dawl kif ukoll għall-ilma</u>. Il-qari tal-*meter* tad-dawl huwa bbażat fuq *estimate/no reading*. F'kull kont hemm ukoll talba għal arretrati; u

22.2. Affidavit tal-perit Duncan Mifsud[11] li xehed li l-appellanti applikaw għax-xiri tad-dirett dominju tal-fond in kwistjoni fid-29 ta' Mejju, 2012. Bħala prova li dik kienet ir-residenza ordinarja tagħhom talbuhom il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma pero` dawk mibgħuta lid-Dipartiment kienu biss *estimates.* Fit-28 ta' April, 2017, bagħat żewġ uffiċjali jagħmlu

---

[10] Fol. 25 *et seq*.
[11] Fol. 56

spezzjoni għall-għarrieda u infurmawh li ħadd ma fetaħ il-bieb u meta staqsew lill-ġirien, dawn tal-aħħar wieġbu li s-sid ma joqgħodx hemm iżda s-Siġġiewi. Żied li huma ġew notifikati b'ittra uffiċjali li bagħtu l-appellanti fid-9 ta' Novembru, 2016, u li fiha l-indirizz tal-appellant hu fond fi Triq San Nikola, is-Siġġiewi.

23. Dwar id-dokumenti tal-ARMS Ltd l-ewwel Qorti ġustament osservat illi:

> *"L-attur, għalkemm fix-xhieda tiegħu jgħid li m'huwiex minnu li l-konvenuti talbuh għal din l-informazzjoni, f'Jannar 2014 bagħat lill-awtoritajiet konvenuti kopja tal-kontijiet tad-dawl u ilma għas-sena 2013, liema kontijiet però kienu stima u mhux dawk attwali . In oltre din il-Qorti tosserva li nonostante li l-kontijiet kienu stejjem, il-konsum fuq l-istess dejjem kien indikat bħala '0'. Din il-Qorti tinnota wkoll li fuq dawn l-istess kontijiet, apparti li ma kienx qiegħed isir ħlas tiegħu stante li f'kull kont kien jindika li hemm ħlas pendenti mill-kontijiet ta' qabel, in-numru ta' residenti f'dan il-fond huwa ndikat bħala '1' fejn għalhekk jekk id-dikjarazzjoni tal-istess atturi li t-tnejn li huma jirrisjedi fil-fond mertu tal-kawża għandha mis-sewwa dan għandu semai jkun indikat bħala '2'.*
>
> *L-atturi naqsu milli jippreżentaw kopja tal-kontijiet tad-dawl u ilma għas-snin qabel għalaq iċ-ċens temporanju. Kienu ilhom mis-sena 2013 jafu li l-awtoritajiet konċernati jeħtieġu kopja tal-kontijiet attwali bħala prova ta' residenza ordinarja. F'dan ir-rigward, kienet responsabbiltà tal-atturi li jħarrku bħala xhud rappreżentant mill-ARMS sabiex jippreżenta kopja tal-kontijiet attwali li jinsabu fuq l-atturi jew min minnhom għas-snin preċidenti l-għeluq il-konċessjoni kif ukoll b'mod partikolari dawk fil-mument tal-għeluq tal-konċessjoni sabiex jipprova li verament kien jirrisjedi fl-imsemmi fond."*

24. L-ewwel Qorti ddeċidiet dwar jekk fil-31 ta' Diċembru, 2015, il-fond kienx qiegħed jintuża mill-appellanti bħala r-residenza ordinarja tagħhom. Dan ovvjament bażat fuq il-provi li tressqu quddiemha.

25. Il-kumplament tat-tielet aggravju jirreferi għal dak li ġara wara:

25.1. Fl-10 ta' Mejju, 2017, l-appellati ddikjaraw li m'għandhomx aktar provi u l-kawża tħalliet għall-kontro-eżamijiet.[12] Dan meta l-atturi kienu għadhom m'għalqux il-provi tagħhom tant illi fl-udjenza ta' wara filwaqt li sar il-kontro-eżami tal-perit Duncan Mifsud, l-appellati ppreżentaw tliet dokumenti oħra.[13] Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2017, l-atturi ddikjaraw li ma kellhomx iktar provi u l-kawża tħalliet għall-kontro-eżamijiet tax-xhieda tal-atturi.[14]

25.2. Fis-seduta ta' wara l-appellati għamlu kontro-eżami tal-appellant[15] fejn huwa kkonferma li kien igħix ġewwa dar li huwa għandu fis-Siġġiewi <u>qabel</u> xtara l-fond in kwistjoni, iżda fl-2010, ġimgħatejn jew tlieta wara l-akkwist tal-fond *de quo*, mar igħix Tas-Sliema. Mistoqsi dwar il-kontijiet tad-dawl u tal-ilma qal li ma jafx jaqra iżda spjega li l-'*arloġġ'* ma kienx jaħdem tant illi '*ġew jibdluh ... minn rajhom għax indunaw li ħażin.'* Wieġeb ukoll li llum jgħix it-tifel fid-dar tas-Siġġiewi.

25.3. Wara dak il-kontro-eżami, il-kawża baqgħet għall-provi tal-appellati.[16] Madanakollu, b'nota preżentata fit-18 ta' Jannar, 2018, l-appellanti attiraw l-attenzjoni tal-Qorti għall-fatt illi skont il-verbal tal-10

[12] A fol. 54.
[13] Fol. 68.
[14] Fol. 81.
[15] Fol. 83.
[16] Fol. 825.

ta' Mejju, 2017, il-konvenuti ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa u talbu għalhekk li l-Qorti tħalli l-kawża għat-trattazzjoni.[17]

25.4. B' rikors tad-9 ta' Marzu, 2018, l-appellati għamlu referenza għall-prinċipju ta' *equality of arms*, peress li kien biss fis-26 ta' Ottubru, 2017, li l-appellanti għalqu l-provi, u allura riedu jressqu l-aħħar prova sabiex juru li hemm provi skjaċċanti li juru li mhux minnu li l-konvenuti (illum appellanti) jgħixu fil-fond in kwistjoni ġewwa Tas-Sliema. Flimkien mal-istess rikors ippreżentaw ukoll kopji ta' dokumenti li jinsabu fl-atti ta' kawżi oħra li l-appellanti huma parti fihom, '*li juru proprju dan',* u talbu lill-Qorti tordna li l-appellanti:

> *"jiġu arrestati minnufih u mill-Kummissarju tal-Pulizija u li mingħajr ebda dewmien, kopja ta' l-atti kollha ta' din il-kawża jgħaddu tramite r-Reġistratur lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tmexxi kontra Nicola u Carmen Cutajar hekk kif trid il-liġi u li kopja ta' tali digriet jiġi innotifikat lill-Kummissarju tal-Pulizija."*

25.5. Id-dokumenti annessi mar-rikors jikkonsistu f'ittra bonarja mibgħuta mill-avukat tal-appellanti, datata 2 ta' Marzu, 2015, fejn huma stess jindikaw li l-indirizz tagħhom huwa dak tas-Siġġiewi[18], riferta pożittiva ta' avviż notifikat f'idejn l-appellanti Carmen Cutajar fis-6 ta' April, 2015, fl-indirizz tas-Siġġiewi[19], xhieda tal-appellant quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera tas-6 ta' Lulju, 2015, fejn qal li jirrisjedi fid-dar

[17] Fol. 54.
[18] Fol. 97.
[19] Fol. 99.

tas-Siġġiewi,[20] risposta maħlufa mill-appellanti datata 26 ta' Awwissu, 2014, fejn għall-finijiet ta' notifika reġa' ġie ndikat l-indirizz tas-Siġġiewi[21], u diversi atti ġudizzjarji oħra tas-sena 2014/2015, inkluż affidavits tal-appellanti datati 13 ta' Novembru, 2014[22], fejn l-appellanti dejjem taw l-indirizz ta' residenza tagħhom fis-Siġġiewi.[23]

25.6. L-appellanti oġġezzjonaw għal dawk id-dokumenti.[24]

25.7. B'digriet mogħti fil-11 ta' Lulju, 2018, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, wara li qieset id-dokumenti fuq imsemmija fid-dawl tal-provi l-oħra li tressqu f' din il-kawża, kkunsidrat u ddeċidiet kif ġej:

> *"1. Fil-kuntratt datat 23 ta' Awissu 2010, illi r-rikorrenti kienu diga jokkupaw l-proprjeta in kwistjoni cioe' 38, Triq Manuel Dimech, Sliema bhala l-unika u l-ordinarja residenza taghha ghal zmien twil;*
>
> *2. Fil-kors ta' dawn il-proceduri, Nicola Cutajar iddikjara kemm fl-affidavit tieghu u kif ukoll in kontro-ezami, illi r-rikorrenti bdew jirrisjedu fil-fond in kwistjoni xi gimghatejn wara t-23 ta' Awissu 2010;*
>
> *3. F'numru ta' ittri u atti gudizzjarji li saru bejn l-2014 u l-2016, l-fond indikat bhala r-residenza tar-rikorrenti, liema dikjarazzjonijiet gew mahlufa bil-gurament fl-atti gudizzjarji, ma kienx dak in kwistjoni izda fond fis-Siggiewi.*
>
> *Illi mehud dan kollu flimkien, fil-fehma tal-Qorti jissussisti suspett illi setghet inghatat dikjarazzjoni guramentata falza. Il-Qorti pero rat illi d-dikjarazzjonijiet guramentati sospetti ma sarux minn Carmen Cutajar, izda biss minn Nicola Cutajar, u ghalhekk l-Artikolu 601(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistghax jigi applikat fil-konfront ta' Carmen Cutajar. Il-Qorti tirrileva inoltre illi fil-fehma taghha, l-arrest immedjat ta' Nicola Cutajar m'huwiex mehtieg u fic-cirkostanzi m'huwiex f'loku.*

[20] Fol. 100.
[21] Fol. 101 *et seq*.
[22] Fol. 105 – 110.
[23] Fol. 104 *et seq*.
[24] Fol. 113.

***Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament it-talba tal-intimati tad-9 ta' Marzu 2018 u tordna lil Registratur tal-Qorti illi kopja tal-atti ta' din il-kawza jigu kkomunikati lil Qorti tal-Magistrati ai termini tal-Artikolu 601 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta."***

25.8. L-atturi talbu permess sabiex jappellaw minn dik l-ordni[25] u l-permess ingħata b'digriet tal-15 ta' Ottubru, 2018. Madanakollu, l-appell kien miċħud għaliex *fuori termine*.[26]

25.9. Fil-frattemp fil-11 ta' Jannar, 2019, l-appellanti talbu l-permess tal-Qorti sabiex iressqu xhieda oħra[27] iżda fuq talba tal-appellanti stess il-Qorti ordnat is-soprasessjoni minħabba l-proċeduri kriminali.[28] Ma jirriżultax li dwar dak ir-rikors ingħata digriet finali.

25.10. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2021, l-ispettur Priscilla Lee Caruana ppreżentat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2021.[29] Fih jingħad li wara li dik il-Qorti rat l-Artikolu 106(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta '*hija konvinta mix-xhieda li ngħatat li l-imputat joqgħod tas-Sliema u dan kif stqarrew martu, il-Barbier Tony Gatt u l-Onorevoli Dr Carol Aquilina, u għalhekk ma jirriżultawx l-elementi rikjesti biex il-Qorti ssib ħtija fl-*

[25] Fol. 122C.
[26] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta' Settembru 2019.
[27] Fol. 134.
[28] Fol. 142.
[29] Fol. 162.

*akkuża kif dedotta mill-Prosekuzzjoni għalhekk tilliberah.'* L-ispettur ippreżentat ukoll l-*inċident report*[30] u kopja tal-istqarrija tal-appellant.[31]

25.11. Kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Jannar, 2021, ġiet eżebita mill-appellanti a fol. 169 *et seq*. Il-konklużjoni tal-Qorti kienet:

> *"4. Il-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha mingħajr dubju raġjonevoli u l-apprezzament li tagħmel il-Qorti jrid ikun ibbażat fuq il-provi li attwalment jirriżultaw u mhux fuq suppożizzjoni ta' dak li seta' ġara.*
>
> *5. Huwa biżżejjed għad-difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabilità.*
>
> *6. F' dan il-każ bit-tlett xhieda prodotti mid-difiża dan seħħ, u l-Qorti ma tħossiex momralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha u allura l-Qorti trid tillibera l-imputat."*

26. Lura għat-tielet aggravju, l-appellanti jilmentaw li:

> *"minkejja li ... ġibdu l-attenzjoni tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li kienet saret dikjarazzjoni li l-provi tagħhom kienu magħluqin u saret oġġezzjoni kemm għat-talba magħmula fl-imsemmi rikors kif ukoll għall-eżibizzjoni tad-dokumenti, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat digriet fil-11 ta' Lulju 2018 fejn fih it-talba magħmula mill-appellati ġiet milqugħa minkejja li l-Qorti stess iddikjarat li '***huwa minnu li dawn id-dokumenti huma kollha anteċedenti għall-31 ta' Diċembru 2015."***

27. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti għamlet sew li kkunsidrat dawk id-dokumenti li kienu jpoġġu f'dubju serju kemm verament l-appellanti kienu qegħdin jgħixu fil-fond in kwistjoni. Hu veru li d-

[30] Fol. 163 -164.
[31] Fol. 165 – 166.

dokumenti għandhom data qabel il-31 ta' Diċembru, 2015. Madankollu għandhom data li hi viċin, b'mod partikolari d-dokumenti a fol. 97, 98, 100. Saħansitra f'seduta li saret fis-6 ta' Lulju, 2015, quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera l-appellant iddikjara li jirrisedja 'Villino Cutajar', Alley 2, St. Nicholas Street, Siggiewi. Hu veru li fl-10 ta' Mejju, 2017, id-difensur tal-appellati ddikjarat li m'għandhomx iktar provi. Għalkemm dawk id-dokumenti kienu prova ġdida, il-Qorti hi tal-fehma li kien hemm in-neċessita` għalihom għaliex kienu jagħtu stampa għal kollox differenti minn dik li pinġa l-appellant.

28. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti kienu:

> *"L-attur Nicola Cutajar ħalef quddiem din il-Qorti li mill-2010 huwa dejjem irrisjeda ġewwa l-fond ta' Tas-Sliema u dejjem qiesha bħala r-residenza ordinarja tiegħu.*[32] *Din il-Qorti tinnota però li hemm kontradizzjoni bejn dak li ingħad quddiem din il-Qorti u dak li verament kien jiġri u din il-kontradizzjoni tidher mill-aktar ċar mid-dokumenti u atti ġudizzjarji maħlufa mill-atturi stess, ppreżentati mill-konvenuti, liema dokumenti u atti juru li l-atturi kienu qegħdin jirrisjedu ġewwa fond ieħor is-Siġġiewi.*
>
> *L-ewwel dokument huwa l-ewwel faċċata ta' kuntratt datat 10 t'April 2013 li jinstab fl-atti tal-kawża* ***Nicol Cutajar et vs. Property Development Co Ltd*** *(Rik Nru 28/2015) imressaq quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fejn ġie indikat li r-residenza tagħhom hija Villino Cutajar, Sqaq 2, Triq San Nikola, Siġġiewi. It-tieni dokument li wkoll jinstab fl-imsemmi kawża, hija ittra datata 2 ta' Marzu 2015 li intbagħtet mil-legali tal-atturi u fejn ir-residenza tal-atturi ġiet indikata bħala s-Siġġiewi. It-tielet dokument huwa folder tal-imsemmija kawża fejn l-indirizz li ingħata kien propju dak tas-Siġġiewi. Ġiet ukoll preżentata notifika li saret f'dik il-kawża liema notifika saret is-Siġġiewi fis-6 t'April 2015. In oltre, l-indirizz li Nicola Cutajar ipprovda lill-Bord li Jirregola l-Kera waqt ix-xhieda tiegħu tas-6 ta' Lulju 2015 kien proprju dak tas-Siġġiewi u mhux ta' Tas-Sliema. Is-sitt dokument hija risposta ġuramentata mressqa mill-konjuġi fil-kawża* ***Michaelangelo Cutajar et***

[32] L-attriċi Carmen Cutajar ma xehditx f'dawn il-proċeduri u għalhekk tali dikjarazzjoni m'għamlitix.

> ***vs. Nicholas Cutajar et*** *(Rik Ġur 641/2014), fejn l-indirizz tar-residenza hemm imniżżel kien dak tas-Siġġiewi. Dokument ieħor huwa kopja ta' folder li jinsab fil-kawża* ***Nicola Cutajar et vs. Maria Theresa sive Marthese Camilleri et*** *(Rik Ġur 922/2014) fejn l-atturi f'dik il-kawża, li huma wkoll l-atturi f'din il-kawża, indikaw l-indirizz tagħhom ġewwa s-Siġġiewi. Fl-affidavit li Nicola Cutajar ppreżenta f'dik il-kawża u li ħalfu quddiem Nutar fit-13 ta' Novembru 2014 huwa ddikjara li joqgħod 4, Villino Cutajar, Sqaq San Nikola Nru 2, Triq San Nikola, Siġġiewi. B'mod kontinwu u konsistenti f'dak l-affidavit jirreferi għal post ġewwa s-Siġġiewi bħala "ir-residenza tagħna". Fih hemm ukoll indikazzjonijiet li fil-fatt kien verament jirrisjedi s-Siġġiewi meta fl-affidavit jgħid bħal per eżempju "ma kontx ser inkun id-dar minħabba tieġ tal-familja" u "aktar tard bil-lejl jiena wasalt lura d-dar flimkien mal-membri tal-familja tiegħu wara t-tieġ".*
>
> *Carmen Cutajar ukoll iddikjarat fl-affidavit maħluf quddiem Nutar fit-13 ta' Novembru 2014 li r-residenza tagħha hija fil-fond ġewwa s-Siġġiewi. Il-konvenuti wkoll ppreżentaw kopja ta' affidavit ta' Nicholina Psaila li jinsab fl-imsemmija kawża, liema affidavit ġie maħluf fil-5 ta' Marzu 2015. Fih Nicholina Psaila tgħid li d-dar bin-numru 2 u 3, Sqaq San Nikola Nru 2, Triq San Nikola, Siġġiewi illum huma residenza ta' Nicola Cutajar u Carmen Cutajar. Qalet ukoll li "meta Nicola Cutajar u Carmen Cutajar akkwistaw din il-proprjetà flimkien ma' proprjetà oħra, huma kienu waqqgħu r-remissa, il-loġġa, il-bitħa kif ukoll żewġ proprjetajiet oħra u minflokhom huma bnew dik li llum hija r-residenza tagħhom li jisimha "Villino Cutajar"." Finalment din il-Qorti tirreferi wkoll għall-ittra uffiċċjali li ġiet ippreżentata mid-Direttur tal-Uffiċċju Konġunt il-Perit Duncan Mifsud liema ittra ġġib id-data tad-9 ta' Novembru 2016 mibgħuta lil numru ta' entitajiet governattivi kif ukoll lill-konvenuti f'din il-kawża. Il-mittenti kienu Nicola u Carmen Cutajar u ibinhom Denis Cutajar u l-indirizz tagħhom għan-notifika kien proprju "Villino Cutajar, 4, Alley 2, St. Nicholas Street, Siggiewi" .*
>
> *Il-Qorti qegħda għalhekk tiddeċiedi illi mill-provi prodotti jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li fi tmiem l-enfitewsi temporanja li kienet teċċedi tletin sena, u ċioe fil-31 ta' Diċembru 2015, il-fond 28, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema ma kienx qiegħed jintuża mill-atturi bħala r-residenza ordinarja tagħhom."*

29. Kif tajjeb ingħad mill-ewwel Qorti, kien l-appellant stess li ddikjara li huwa mar jgħix mal-mara fil-fond Tas-Sliema mid-data tal-akkwist fl-2010 u li baqa' jgħix hemmhekk sal-preżent. B'hekk baqa' ma spjegax kif f'numru mhux żgħir ta' atti ġudizzjarji fil-perjodu bejn l-2013 u 2016 l-appellanti komplew jiddikjaraw l-indirizz tas-Siġġiewi bħala r-residenza

tagħhom, u saħansitra kienu notifikat b'atti f'dak l-indirizz. L-appellanti ma taw l-ebda raġuni li tista' tikkonvinċi lil min irid jiddeċiedi li kien hemm raġuni valida għalfejn kienu qegħdin jiddikjaraw l-indirizz tas-Siġġiewi u mhux tad-dar Tas-Sliema fejn l-appellant qal li kienu ilhom jgħixu sa mill-2010.

30. Il-Qorti tkompli żżid li wkoll il-provi li ressqu l-appellanti stess mhuma xejn konvinċenti li effettivament id-dar mertu tal-kawża kienet tintuża bħala r-residenza ordinarja fiż-żmien meta għalaq iċ-ċens.

31. Għaldaqstant, tiċħad it-tielet aggravju.

32. Il-Qorti se tgħaddi issa biex tqis l-aħħar parti tal-ewwel aggravju u r-raba' aggravju li jirrigwardaw il-piż probatorju tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-26 ta' Jannar, 2021.

33. F' dan ir-rigward, l-ewwel Qorti qalet is-segwenti:

> *"Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ma ddeterminatx fejn hija r-residenza ordinarja tal-atturi iżda biss jekk l-attur Nicola Cutajar tax xhieda falza fil-proċeduri odjerni. L-**Artikolu 6 tal-Kodiċi Kriminali** testwalment jipprovdi li "l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement waħda mill-oħra". Ifisser għalhekk li l-Qorti Ċivili m'hijiex marbuta bid-deċiżjoni li tkun ingħatat mill-qorti fil-ġurisdizzjoni kriminali. Magħdud ma' dan għandu jitqies ukoll li l-grad ta' prova rikjest mil-liġi fiż-żewġ kampi tal-liġi huma differenti minn xulxin. Filwaqt li fil-kamp kriminali l-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha 'oltre d-dubju dettat mir-raġuni'; fil-kamp ċivili ir-*

*rikorrent irid jipprova l-każ tiegħu 'fuq bilanċ ta' probabilità'. Għandu jiġi spjegat li l-liġi ma tipprojbixxix lill-partijiet milli jippreżentaw provi miġbura u/jew sentenzi mogħtija minn qrati ta' kompetenza kriminali, iżda din hija biss waħda mill-provi li l-qorti ċivili tieħu in konsiderazzjoni. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet* ***Carmelo Micallef St. John et vs. Richard Spiteri et*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-15 ta' Jannar 2002 kienet irriteniet*

> *"Illi jrid jinghad mill-ewwel illi bhal ma hu ben saput il-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati tasal ghall-konkluzjonijiet taghha fuq il-provi li jingiebu quddiemha bl-ebda mod ma jorbot lil din il-Qorti fil-masjoni civili li tasal ghall-istess konkluzjoni. Dina l-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' x-xhieda ta' l-istess konvenut Joseph Spiteri, kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami. Huwa dan, flimkien mal-fatturi l-ohra cirkostanti l-kaz illi jorbtu lil dina l-Qorti u mhux dak illi gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha kriminali."'*

34. L-appellanti jilmentaw li:

34.1. *'il-veraċità tal-provi tal-appellanti ġiet ippruvata lil hinn minn kull dubbju* (sic!) *raġonevoli bi proċeduri kriminali'* (l-ewwel aggravju); u

34.2. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali lliberat lil Nicola Cutajar wara li '*ddikjarat li hija konvinta mix-xhieda li ġiet mogħtija mill-akkużat li verament joqgħod tas-Sliema li ġiet ikkonfermata mix-xhieda li ġew prodotti quddiemha'.* Għalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq dokumenti meta kellha s-sentenza.

34.3. L-ewwel Qorti ma kellhiex tistrieħ fuq dokumenti li nġiebu fix-xejn mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (raba' aggravju).

35. Madankollu l-Qorti tosserva:

i. Ix-xhieda li nstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (u li hemm referenza għalihom fis-sentenza ta' dik il-Qorti (ara paġna 17 tas-sentenza), ma xehedux quddiem l-ewwel Qorti. Xhieda li lanqas biss jissemmew fil-lista tax-xhieda tal-appellanti, meta l-appellanti kien jaf x'inhi l-kwistjoni. Dan apparti li kieku xehedu quddiem l-ewwel Qorti, l-appellanti kien ikollhom l-opportunita' li jagħmlulhom kontro-eżami u b'hekk jikkontrollaw dak li jkunu qalu fl-eżami.

ii. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq tliet xhieda li ressaq l-appellant, fosthom martu. Hu minnu li sar referenza għall-atti ta' din il-kawża, għalkemm dik il-Qorti osservat li l-prosekuzzjoni kienet *'2.... xotta ħafna bħala provi tant li ġabet biss il-proċess li tratta materja ċivili...... '* u mis-sentenza ma jirriżultax li sar xi eżami tad-dokumenti li hemm fl-atti tal-kawża ċivili.

iii. Kien biss fil-11 ta' Jannar, 2019, li l-appellant ippreżenta rikors fejn talab li jixhed wieħed mix-xhieda li jissemma fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Mill-atti jidher li l-appellant ma baqax jinsisti fuq it-talba tant hu hekk li fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2021, iddikjara li ma kellux iktar provi. Fl-istess att spjega li kien biss riċentement li sar jaf b'dawk il-

persuni. Fir-rikors qal li ma kienx jaf li setgħu jixhdu, meta minn dak riprodott fis-sentenza tal-proċeduri kriminali jingħata x'jifhem il-kuntrarju.

iv. L-estratti mid-depożizzjoni ta' żewġ xhieda u riprodotti f'paġna 17 tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma jagħmlu l-ebda referenza għall-perjodu meta għalaq iċ-ċens;

v. Il-proċeduri kriminali huma indipendenti u distinti mill-proċeduri ċivili. Dan apparti li wkoll jekk kellu jitqies dak li qalu ż-żewġ xhieda li jissemmew fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, il-Qorti kellha provi oħra li jikkontradixxu l-verżjoni li ta l-appellanti.

vi. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hi bażata fuq il-konklużjoni li l-prosekuzzjoni naqset milli *"4....... tipprova l-każ tagħha mingħajr dubju raġonevoli......"*. Dan żgur li mhuwiex l-eżerċizzju li jsir f'kawża ċivili.

vii. Fil-kawża ċivili l-oneru tal-prova kien fuq l-appellanti. L-ewwel Qorti għamlet l-apprezzament tal-provi a bażi tal-provi li tressqu quddiemha. Għalkemm l-appellant ġie liberat mill-akkuża ta' ġurament falz meta xehed fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2018, jibqa' l-fatt li fl-atti hemm provi li jindikaw li mhuwiex minnu li kien ilu jgħix fid-dar f'Tas-

Sliema sa mis-sena 2010 kif xehed in kontro-eżami. Dan ovvjament jolqot il-kredibilita` tiegħu.

viii. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hi prova fis-sens li l-appellant ma nstabx ħati li ħa ġurament falz. Pero` dik is-sentenza ngħatat għall-finijiet tal-akkużi li saru kontra l-appellant f'proċeduri kriminali li huma indipendenti u separati mill-proċess ċivili, u fejn l-oneru tal-prova hu fuq il-prosekuzzjoni u l-grad ta' prova differenti minn dak f'proċeduri ċivili. B'daqshekk ma jfissirx li l-ewwel Qorti kellha tibbaża s-sentenza tagħha fuq dak il-fatt waħdu. Inoltre, l-ewwel Qorti tat spjegazzjoni wkoll għalfejn ma kinitx marbuta bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati u din il-Qorti taqbel magħha.

36. Għalhekk it-teżi tal-appellanti illi '*il-veraċità tal-provi tal-appellanti ġiet ippruvata lil hinn minn kull dubju* (sic!) *raġjonevoli'* hi żbaljata.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellanti. Peress li tqies li l-appell hu fieragħ tikkundanna lill-appellanti jħallsu spejjeż doppji (Art. 223(4) tal-Kap.12).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da